# ID-DFIN FIŻ-ŻEJTUN MATUL IŻ-ŻMINIJIET

minn Dun Joe Abela

Snin ilu iż-Żejtun kien jikkonsisti f'diversi rħula zgħar u kull wieħed minn dawn kellu il-kappella tiegħu. F'dawn il-kappelli kienu mhux biss isiru s-servizzi reliġjużi, iżda wkoll id-dfin tal-mejtin. Dari dawn kienu jitbierku kull sena fil-purċissjoni ta' l-Għid ta' l-Imwiet; jiġifieri fil-bidu ta' Novembru.

**Il-Knisja tas-Salvatur** :

Din kienet fir-raħal ta' Bisqallin. F'din il-knisja allura kienu jindifnu l-mejtin, kif tixhed il-lapida ta' l-irħam quddiem l-artal. Mir-reġistru parrokkjali nafu li fis-Salvatur hemm diversi saċerdoti midfuna, fosthom il-Kan. Filippu Durante, li kien wieħed mill-vittmi tal-Franċiżi meta l-Maltin qamu kontra tagħhom. Meta miet fis-7 ta' April 1799, hu kellu 49 sena.

**Santa Maria**:

Knisja oħra wżata għad-dfin kienet dik ta' Santa Marija tar-Raħal ta' Fuq (Hal-Bisbut). Meta kien qed isir ix-xogħol viċin din il-knisja, nstab ħafna għadam midfun.

**Sant'Ang.**:

Hawn jinsabu midfuna Girgor Boniċi, il-benefattur kbir tal-knisja parrokkjali.

**Knisja ta' l-Ispirtu Santu**:

Din hi knisja oħra żgħira li fil-qedem kienet użata għad-dfin. Fl-antik din il-knisja kienet tħares lejn fejn illum hemm l-iskola primarja. Il-kantina tal-lum, li allura kienet tiġi taħt iz-zuntier, kienet użata għad-dfin. Il-kelma "zuntier" ġejja mill-kelma ċimiterju. Meta, għal bidu ta' l-aħħar gwerra, ppruvaw iħaffru xelter, instab bir mimli bil-għadam u kollox gie mirdum mill-ġdid.

**San Girgor il-Qadim:**

Knisja oħra li kienet allura teżisti wkoll qabel il-knisja parrokkjali tal-lum hi s'intendi dik ta' San Girgor. L-oqbra għadhom sal-lum jidhru fil-knisja. Fil-1575 Mons. Dużina ordna li jsiru żewg oqbra f'din il-knisja għad-dfin tal-komun. Tidher ħaġa stramba, għaliex qabel kien diġa jeżisti ċimiterju barra il-knisja, fejn illum hemm iċ-ċimiterju ta' Santu Rokku, mal-ġenb tal-knisja. Hemmhekk il-familja Bonniċi kellhom kappella ddedikata lill-San Ġakbu. Jista jkun allura li dan iċ-ċimiterju kien privat. Imma kollox juri li qabel l-1575 kien diġa jeżisti ċimiterju fil-post fejn illum għadna nidfnu. Fl-1813 mietu bosta żwieten bil-marda tal-pesta u dan iċ-ċimiterju ta' San Rokku (qaddis protettur kontra din il-marda) gie wżat għad-dfin tagħhom. Minħabba liġi tal-gvern li kienet tipprojbixxi l-użu ta' ċimiterju fejn kienu midfuna l-mejtin bil-pesta, dan iċ-ċimiterju ma setax jiġi wżat għal ħafna snin wara.

**Il-Kannierji tal-Knisja Parrokkjali:**

Sadattant kienu qegħdin jintużaw il-kannierji tal-knisja u ta' l-Oratorju. Il-knisja ilha mibnija madwar 300 sena. Meta kienet għadha qiegħda tinbena, qabel ma saru l-kannierji taħta, id-dfin kien isir f'ċimiterju temporanju ma ġenb il-knisja, fejn illum hemm iz-zuntier fil-pjazza ta' fuq. L-użu tiegħu spiċċa meta bdew jitħaffru l-oqbra fil-kannierja wara l-bini tal-kursija.

Il-kannierja hi maqsuma f'żewg sezzjonijiet:

1) Il-Mudlama (hekk imsejħa għaliex ma għandiex dawl dirett) li taħbat taħt il-kursija mill-bieb ta' barra sal presbiterju. It-taraġ oriġinali tagħha kien min fejn illum hemm in-niċċa ta' Santa Katarina. Parti sewwa minnha hi maqtugħa fil-blat, u s-saqaf tagħha jistrieħ fuq ħmistax il-ħnejja. Fiha artal bl-istatwa tal-kunċizzjoni. Il-qabar quddiem dan l-artal kien riservat għall-membri tal-famija Testaferrata bħala eredi ta' Girgor Bonici. Din il-kannierja damet tintuża minn madwar is-sena 1709 sal 1970.

2) Tar-Ruzarju: Kannierja oħra li saret aktar tard. Din tinsab taħt in-navi ta' Sant'Andrija, San Pawl u tal-Karmnu. Barra oħrajn, kienu jindifnu fija membri tal-Fratellanza tar-Rużarju. Fit-tarf tagħha naraw kwadru skolpit "basso rilievo" tal-Maddonna tar-Rużarju, xogħol tas-seklu tmintax. Mal-gnub tiegħu erwieħ tal-purgatorju u angli. Hawn tinsab midfuna Maria Antonia Abela Agius, li rregalat lill-knisja l-qanpiena hekk imsejħa "tal-Klawdin". Ta' min josserva hawn, illi dari kienu jippreferu jindifnu fil-knejjes, biex hekk ukoll wara mewthom ikunu qrib id-Dar ta' Alla.

**Taħt l-Oratorju:** Kannierja oħra tinsab taħt l-Oratorju, mibni mill-fratellanza tas-Sagrament, fl-1743. Hawn ukoll naraw artal u bankijiet tal-ġebel madwar kważi l-kannierja kollha. Dawn il-bankijiet kienu wżati minn-nies waqt it-talb tagħhom. Id-dfin f'din il-kannierja waqaf fl-1970.



**Cimiterju ta' Santa Katarina:**

Presentament id-dfin qiegħed isir biss fiċ-ċimiterji ta' Santu Rokku u ta' Santa Katarina, biswit il-knisja ta' San Girgor. Dan ta' Santa Katarina mhux antik daqs dak ta' Santu Rokku. Beda jintuża fis-seklu li għadda, probabilment wara id-dfin tal-mejtin bil-pesta fiċ-ċimiterju l-ieħor. Jingħad illi iż-żwieten ma kienux iridu jindifnu hawn, sakemm miet Dun Gwann Tabone (tal-Għagin) sacerdot li jgawdi fama ta' qdusija, li gie midfun hawn, u allura ċ-ċimiterju beda jsir popolari. Dun Gwann Tabone miet fil-21 ta' Frar 1894. Taħt l-istatwa ta' Santa Katarina, fit-tarf taċ-ċimiterju sa ftit xhur ilu, kienet tinsab parti elevata ftit, li kienet riservata għad-dfin tas-saċerdoti. Sentejn ilu ġie midfun l-aħħar saċerdot żejtuni li miet, jiġifieri Dun Karm Galea, li indifen eżatt ħdejn Dun Gwann Tabone. Viċin naraw ukoll żewġ medaljuni skolpiti fil-ġebel, wieħed ta' San Guzepp u l-ieħor tal-Madonna tar-Rużarju. Dawn huma xogħol l-iskultur Gużeppi Baldacchino, u saru għal-bidu ta' dan is-seklu. Fl-istess żmien ġiet imtellgħa l-istatwa ta' Santa Katarina li kienet saret biex titpoġġa fuq iz-zuntier, u għalhekk tpoġġew f' dawn iż-żewġ ċimiterji, li allura bdew isiru magħrufa bl-ismijiet ta' dawn iż-żewg qaddisin.

**Xogħol fiċ-Cimiterju:**

Fil-bidu ta' dan is-seklu sar ħafna tibdil f' dawn iż-żewġ ċimiterji. Sas-seklu l-ieħor il-knisja parrokkjali tagħna kienet għadha mżejna minn ġewwa b'ħafna skultura u statwi tal-ġebel. Daħal f' Malta moviment li jimmodifika dan il-ħafna tiżjin żejjed, u allura bosta mill-iskultura ġiet imneħħija. Hekk ukoll ġew imneħħija l-istatwi kbar li kienu jinsabu fil-knisja. Tnejn minn dawn l-istatwi illum narawhom fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku, tnejn oħra għadhom fuq il-bejt tal-knisja parrokkjali. Ta' min jgħid ukoll illi meta kienu qiegħdin jitħaffru oqbra ġodda f' dan iċ-ċimiterju ftit wara l-aħħar gwerra, instabu xi fdalijiet taċ-ċaqquf Ruman. Madwar sitt snin ilu fiż-żmien l-Arċipriet Theuma, żdiedu 25 qabar ġdid u gie rranġat il-ħajt ta' mad-dawra. F'dan iċ-ċimiterju jinsab ukoll midfun l-Isqof Em. Galea. Ta' min iżid li l-paroċċa ta' Marsaxlokk, li nqatgħet miż-Żejtun fl-1895, żammet id-dritt li tidfen il-mejtin tagħha fiċ-ċimiterju tagħna.

Għall-ħafna snin reġgħet inħasset il-ħtieġa li inkabbru iċ-ċimiterju tagħna. Għalhekk f'dawn l-aħħar snin saru l-arranġamenti meħtieġa biex nakkwistaw l-art u napplikaw għall-permessi tal-Kurja u tal-bini. Meta dawn kienu lesti beda x-xogħol mill-kuntrattur f'Lulju 1991. Sa dan it-tant saru tlett sejħiet għal min xtaq jakkwista qabar u l-oqbra li kien hemm, inbiegħu kollha. Ħsibna wkoll biex ikun hemm 84 qabar tal-komun ġodda.

Dawn huma postijiet għeżież ħafna għalina għaliex hawn jinsabu "reqdin fil-Mulej" dawk li tant ħabbejna u li taw kontribut kbir fl-iżvilupp tal-parroċċa tagħna.